MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 869/2006

**Talba Nru: 869/2006VGD**

Aquatess Marketing Limited (C33435).

Vs

Romazan Ertugal

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Novembru 2005, u tal-ittra legali tas-27

ta’ Dicembru 2005, u bl-imghax tat-8% fuq Lm60 mill-11 ta’ Novembru 2005, sal-hlas effettiv, u nkluz Lm10 konsult, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ mija u disgha u tletin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€139.76), ekwivalenti ghal Lm60, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------